REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/918

tal-4 ta' Mejju 2023

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodi ta' approvazzjoni tas-sustanzi attivi aclonifen, ametoktradin, beflubutamid, benthiavalicarb, boscalid, captan, kletodim, ċiklossidim, ċiflumetofen, dażomet, diklofop, dimethomorph, ethephon, fenażakwin, fluopicolide, fluoxastrobin, fluworokloridon, folpet, formetanate, *Helicoverpa armigera nucleopolyhedrovirus*, imessażol, aċidu indolilbutiriku, mandipropammid, metalaxyl, metaldeid, metam, metazachlor, metribuzin, milbemectin, paklobutrażol, penoxsulam, fenmedifam, pirimiphos-methyl, propamocarb, proquinazid, prothioconazole, S-metolachlor, *Spodoptera littoralis nucleopolyhedrovirus*, *Trichoderma asperellum* ir-razza T34 u *Trichoderma atroviride* ir-razza I-1237

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 17, l-ewwel paragrafu, tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 78(3) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, is-sustanzi attivi inklużi fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE ([2]) jitqiesu li ġew approvati skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 u huma elenkati fil-Parti A tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 ([3]). Is-sustanzi attivi approvati skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 huma elenkati fil-Parti B ta' dak l-Anness.

(2) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/708 ([4]) jestendi l-perjodu ta' approvazzjoni tas-sustanza attiva fluworokloridonsal-31 ta' Mejju 2023. Dak ir-Regolament jestendi wkoll il-perjodu ta' approvazzjoni tas-sustanza attiva metam sat-30 ta' Ġunju 2023 u tas-sustanzi attivi aclonifen, beflubutamid, benthiavalicarb, boscalid, captan, dimethomorph, ethephon, fluoxastrobin, folpet, formetanate, metazachlor, metribuzin, milbemectin, fenmedifam, pirimiphos-methyl, propamocarb, proquinazid, prothioconazole u S-metolachlor sal-31 ta' Lulju 2023.

([1]) ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1.

([2]) Id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (ĠU L 230, 19.8.1991, p. 1).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 tal-25 ta' Mejju 2011 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mal-lista ta' sustanzi attivi approvati (ĠU L 153, 11.6.2011, p. 1).

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/708 tal-5 ta' Mejju 2022 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodi ta' approvazzjoni tas-sustanzi attivi 2,5-dichlorobenzoic acid methylester, aċidu aċetiku, aclonifen, sulfat tal-ammonju tal-aluminju, aluminium phosphide, silikat tal-aluminju, beflubutamid, benthiavalicarb, boscalid, calcium carbide, captan, cymoxanil, dimethomorph, dodemorph, ethephon, ethylene, estratt mis-siġra tat-te, residwi ta' distilazzjoni tax-xaħam, aċidi xaħmin C7 sa C20, fluoxastrobin, flurochloridone, folpet, formetanate gibberellic acid, gibberellins, hydrolysed proteins, sulfat tal-ħadid, magnesium phosphide, metam, metamitron, metazachlor, metribuzin, milbemectin, fenmedifam, pirimiphos-methyl, żjut tal-pjanti/essenza tal-qronfol, żjut tal-pjanti/żejt tal-kolza, żjut tal-pjanti/żejt tan-nagħnieġħ, propamocarb, proquinazid, prothioconazole, piretrini, ir-ramel kwarz, żejt tal-ħut, repellenti permezz ta' riħa ta' oriġini mill-annimali jew mill-pjanti/xaħam tan-nagħaġ, S-metolachlor, Feromoni tal-Lepidopteri ta' Katina Dritta, sulcotrione, tebuconazole u urea (ĠU L 133, 10.5.2022, p. 1).

(3) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1266 ([5]) jestendi l-perjodu ta' approvazzjoni tas-sustanzi attivi kletodim, ċiklossidim, dażomet, diklofop, fenazakwin, imssażol, aċidu indolilbutiriku, metaldeid u paklobutrażol sal-31 ta' Mejju 2023.

(4) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1527 ([6]) jestendi l-perjodu ta' approvazzjoni tas-sustanza attiva fluopicolide sal-31 ta' Mejju 2023.

(5) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2069 ([7]) jestendi l-perjodu ta' approvazzjoni tas-sustanza attiva metalaxyl sat-30 ta' Ġunju 2023, u tas-sustanza attiva penoxsulam sal-31 ta' Lulju 2023.

(6) L-approvazzjoni tas-sustanza attiva ametoktradin se tiskadi fil-31 ta' Lulju 2023 f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 200/2013 ([8]).

(7) L-approvazzjoni tas-sustanza attiva ċiflumetofen se tiskadi fil-31 ta' Mejju 2023 f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 22/2013 ([9]).

(8) L-approvazzjoni tas-sustanza attiva *Helicoverpa armigera nucleopolyhedrovirus* se tiskadi fil-31 ta' Mejju 2023 f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 368/2013 ([10]).

(9) L-approvazzjoni tas-sustanza attiva mandipropamid se tiskadi fil-31 ta' Lulju 2023 f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 188/2013 ([11]).

(10) L-approvazzjoni tas-sustanza attiva *Spodoptera littoralis nucleopolyhedrovirus* se tiskadi fil-31 ta' Mejju 2023 f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 367/2013 ([12]).

([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1266 tal-20 ta' Settembru 2018 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodi ta' approvazzjoni tas-sustanzi attivi 1-dekanol, 6-benżiladenina, sulfat tal-aluminju,ażadiraktin, bupirimat, karbossinu, kletodim, ċiklossidim, dażomet, diklofop, ditijanon, dodina, fenażakwin, fluwometuron, flutriafol, eżitijażoss, imessażol, aċidu indolilbutriku, isossaben, kubrit tal-ġir, metaldeid, paklobutrażol, penċikuron, sintofen, tau fluvalinat u tebufenożur (ĠU L 238, 21.9.2018, p. 81).

([6]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1527 tas-6 ta' Settembru 2017 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodi ta' approvazzjoni għas-sustanzi attivi ċiflufenammid, fluopicolide, ettamaloksiloglukan u malatijon (ĠU L 231, 7.9.2017, p. 3).

([7]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2069 tat-13 ta' Novembru 2017 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodi ta' approvazzjoni għas-sustanzi attivi flonicamid (IKI-220), metalaxyl, penoxsulam u proquinazid (ĠU L 295, 14.11.2017, p. 51).

([8]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 200/2013 tat-8 ta' Marzu 2013 li japprova s-sustanza attiva ametoctradina, skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jemenda l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 (ĠU L 67, 9.3.2013, p. 1).

([9]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 22/2013 tal-15 ta' Jannar 2013 li japprova s-sustanza attiva cyflumetofen, skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jemenda l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 (ĠU L 11, 16.1.2013, p. 8).

([10]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 368/2013 tat-22 ta' April 2013 li japprova s-sustanza attiva *Helicoverpa armigera nucleopolyhedrovirus*, skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, u li jemenda l-Anness għar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 (ĠU L 111, 23.4.2013, p. 36).

([11]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 188/2013 tal-5 ta' Marzu 2013 li japprova s-sustanza attiva mandipropamid, skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jemenda l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 (ĠU L 62, 6.3.2013, p. 13).

([12]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 367/2013 tat-22 ta' April 2013 li japprova s-sustanza attiva *Spodoptera littoralis nucleopolyhedrovirus*, skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, u li jemenda l-Anness għar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 (ĠU L 111, 23.4.2013, p. 33).

(11) L-approvazzjoni tas-sustanza attiva *Trichoderma asperellum* ir-razza T34 se tiskadi fil-31 ta' Mejju 2023 f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1238/2012 ([13]).

(12) L-approvazzjoni tas-sustanza attiva *Trichoderma atroviride* ir-razza I-1237 se tiskadi fil-31 ta' Mejju 2023 f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 17/2013 ([14]).

(13) L-applikazzjonijiet u d-dossiers supplimentari għat-tiġdid tal-approvazzjoni ta' dawk is-sustanzi attivi tressqu f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 844/2012 ([15]), li jkompli japplika għal dawn is-sustanzi attivi skont l-Artikolu 17 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1740 ([16]). Dawn ġew iddikjarati ammissibbli mill-Istati Membri relaturi rispettivi.

(14) Għas-sustanzi attivi aclonifen, ametoktradin, beflubutamid, kletodim, ċiklossidim, ċiflumetofen, dażomet, diklofop, fenazakwin, fluopicolide, *Helicoverpa armigera nucleopolyhedrovirus*, imessażol, mandipropamid, metalaxyl, metaldeid, metam, il-metazachlor, paklobutrażol, *Spodoptera littoralis nucleopolyhedrovirus*, ir-razza T34 tat-*Trichoderma asperellum* u r-razza I-1237 tat-*Trichoderma atroviride*, il-valutazzjoni tar-riskju skont l-Artikolu 11 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 844/2012 għadha ma ġietx iffinalizzata mill-Istati Membri relaturi rispettivi.

(15) Għas-sustanzi attivi boscalid, flurochloridone, aċidu indolilbutiriku, penoxsulam, u proquinazid, l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") se jkollha bżonn aktar żmien, f'konformità mal-Artikolu 13 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 844/2012, biex tadotta konklużjoni u fejn xieraq torganizza konsultazzjoni mal-esperti. Barra minn hekk, huwa meħtieġ żmien addizzjonali għad-deċiżjoni sussegwenti dwar il-ġestjoni tar-riskju f'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 844/2012.

(16) Fil-każ tas-sustanza attiva prothioconazole, informazzjoni addizzjonali għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-kriterji ta' approvazzjoni ffissati fil-punt 3.6.5 u fil-punt 3.8.2 tal- Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 intalbet mill-Awtorità skont l-Artikolu 13(3a) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 844/2012, bi skadenza fil-15 ta' April 2023. Fil-każ tas-sustanzi attivi dimethomorph, fluoxastrobin, folpet, formetanat, metribużin, milbemectin, paklobutrażol, penoxsulam, fenmedifam, pirimiphos-methyl u propamocarb, informazzjoni addizzjonali għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-kriterji ta' approvazzjoni stabbiliti fil-punt 3.6.5 u fil-punt 3.8.2 tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, intalbet mill-Awtorità skont l-Artikolu 13(3a) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 844/2012 u tressqet mill-applikanti sal-iskadenza mogħtija. Madankollu, huwa meħtieġ żmien addizzjonali għall-evalwazzjoni tagħha u għall-konklużjoni relatata kif ukoll għad-deċiżjoni dwar il-ġestjoni tar-riskju li tirriżulta f'konformità mal-Artikoli 13 u 14 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 844/2012.

(17) Fil-każ tas-sustanzi attivi benthiavalicarb u captan, l-Awtorità ppreżentat il-konklużjoni tagħha f'konformità mal-Artikolu 13 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 844/2012. Il-Kummissjoni bdiet diskussjonijiet dwar dawk is-sustanzi attivi fil-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf skont l-Artikolu 14 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 844/2012 u fir-rigward tal-captan, ippreżentat ir-rapport tat-tiġdid u l-abbozz tar-Regolament li jġedded l-approvazzjoni tiegħu. Sakemm tingħata l-opinjoni ta' dan il-Kumitat dwar dak l-abbozz ta' Regolament, huwa meħtieġ żmien addizzjonali għad-deċiżjoni sussegwenti dwar il-ġestjoni tar-riskju f'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 844/2012.

([13]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1238/2012 tad-19 ta' Diċembru 2012 li japprova s-sustanza attiva Trichoderma asperellum (razza T34), skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jemenda l-Anness mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 (ĠU L 350, 20.12.2012, p. 59).

([14]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 17/2013 tad-14 ta' Jannar 2013 li japprova s-sustanza attiva r-razza I-1237 tat-Trichoderma atroviride, skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jemenda l-Anness għar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 (ĠU L 9, 15.1.2013, p. 5).

([15]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 844/2012 tat- 18 ta' Settembru 2012 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-proċedura ta' tiġdid għas-sustanzi attivi, kif previst fir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (ĠU L 252, 19.9.2012, p. 26).

([16]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1740 tal-20 ta' Novembru 2020 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-proċedura ta' tiġdid għas-sustanzi attivi, kif previst fir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 844/2012 (ĠU L 392, 23.11.2020, p. 20).

(18) Fit-3 ta' Frar 2023, għas-sustanza attiva S-metolachlor, l-Awtorità ppreżentat il-konklużjoni tagħha lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 13 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 844/2012, minbarra l-valutazzjoni tal-proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali. Madankollu, huwa meħtieġ żmien addizzjonali għall-adozzjoni ta' deċiżjoni dwar il-ġestjoni tar-riskju f'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 844/2012.

(19) Għalhekk huwa probabbli li ma tista' tittieħed l-ebda deċiżjoni dwar it-tiġdid tal-approvazzjoni ta' dawn is-sustanzi attivi qabel l-iskadenza tal-perjodi ta' approvazzjoni rispettivi tagħhom fil-31 ta' Mejju 2023, fit-30 ta' Ġunju 2023 u fil-31 ta' Lulju 2023. Ir-raġunijiet għad-dewmien fil-proċeduri ta' tiġdid huma wkoll lil hinn mill-kontroll tal-applikanti rispettivi.

(20) Peress li aktarx li l-ebda deċiżjoni dwar it-tiġdid tal-approvazzjoni ta' dawn is-sustanzi attivi mhi se tkun tista' tittieħed qabel l-iskadenza tal-perjodi tal-approvazzjoni rispettivi tagħhom u minħabba li r-raġunijiet għad-dewmien fil-proċeduri tat-tiġdid mhumiex fil-kontroll tal-applikanti rispettivi, jenħtieġ li l-perjodi tal-approvazzjoni tas-sustanzi attivi jiġu estiżi sabiex ikunu jistgħu jitlestew il-valutazzjonijiet meħtieġa u sabiex jiġu ffinalizzati l-proċeduri regolatorji tat-teħid tad-deċiżjonijiet dwar l-applikazzjonijiet rispettivi għat-tiġdid tal-approvazzjoni. Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 jiġi emendat skont dan.

(21) F'każ li l-Kummissjoni tkun se tadotta Regolament li jipprevedi li l-approvazzjoni ta' sustanza attiva msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament ma tiġġeddidx għax ma jkunux ġew issodisfati l-kriterji tal-approvazzjoni, il-Kummissjoni trid tiffissa d-data tal-iskadenza fl-istess data bħal ta' qabel dan ir-Regolament, jew id-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament, dejjem jekk l-approvazzjoni tas-sustanza attiva ma tiġġeddidx, skont liema data tiġi l-aħħar. Rigward każijiet meta l-Kummissjoni tkun se tadotta Regolament li jipprevedi t-tiġdid tal-approvazzjoni ta' sustanza attiva msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni se tara li tistabbilixxi, skont iċ-ċirkostanzi, l-eqreb data ta' applikazzjoni possibbli.

(22) Filwaqt li jitqies li l-approvazzjoni attwali tal-kletodim, iċ-ċiklossidim, iċ-cyflumetofen, id-dażomet, id-diklofop, il-Fenażakwin, il-fluopicolide, il-fluworoklordon, il-*Helicoverpa armigera nucleopolyhedrovirus*, l-imessażol, l-aċidu indolilbutiriku, il-metaldeid, il-paklobutrażol, l-i*Spodoptera littoralis nucleopolyhedrovirus*, ir-razza T34 tat-*Trichoderma asperellum* u r-razza I-1237 tat-*Trichoderma atroviride* tiskadi fil-31 ta' Mejju 2023, dan ir-Regolament jenħtieġ li jidħol fis-seħħ malajr kemm jista' jkun.

(23) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Mejju 2023.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 huwa emendat kif ġej:

1. Il-Parti A hija emendata kif ġej:

(1) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 88, Fenmedifam, id-data hija sostitwita bil-"15 ta' Frar 2025";

(2) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 97, S-metolachlor, id-data hija sostitwita bil-"15 ta' Novembru 2024";

(3) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 110, Milbemectin, id-data hija sostitwita bil-"15 ta' Frar 2025";

(4) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 142, Ethephon, id-data hija sostitwita bil-"15 ta' Novembru 2024";

(5) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 145, Captan, id-data hija sostitwita bil-"15 ta' Novembru 2024";

(6) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 146, Folpet, id-data hija sostitwita bil-"15 ta' Frar 2025";

(7) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 147, Formetanate, id-data hija sostitwita bil-"15 ta' Frar 2025";

(8) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 150, Dimethomorph, id-data hija sostitwita bil-"15 ta' Frar 2025";

(9) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 152, Metribuzin, id-data hija sostitwita bil-"15 ta' Frar 2025";

(10) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 154, Propamocarb, id-data hija sostitwita bil-"15 ta' Ġunju 2025";

(11) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 156, Pirimiphos-methyl, id-data hija sostitwita bil-"15 ta' Ġunju 2025";

(12) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 158, Beflubutamid, id-data hija sostitwita bil-"31 ta' Ottubru 2026";

(13) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 163, Benthiavalicarb, id-data hija sostitwita bil-"15 ta' Novembru 2024";

(14) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 164, Boscalid, id-data hija sostitwita bil-"15 ta' April 2026";

(15) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 166, Fluoxastrobin, id-data hija sostitwita bil-"15 ta' Ġunju 2025";

(16) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 168, Prothioconazole, id-data hija sostitwita bil-"15 ta' Awwissu 2025";

(17) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 215, Aclonifen, id-data hija sostitwita bil-"31 ta' Ottubru 2026";

(18) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 217, Metazachlor, id-data hija sostitwita bil-"31 ta' Ottubru 2026";

(19) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 297, Fluopicolide, id-data hija sostitwita bil-"31 ta' Awwissu 2026";

(20) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 301, Penoxsulam, id-data hija sostitwita bil-"15 ta' Mejju 2026";

(21) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 302, Proquinazid, id-data hija sostitwita bil-"15 ta' Mejju 2026";

(22) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 304, Metalaxyl, id-data hija sostitwita bit-"30 ta' Settembru 2026";

(23) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 316, Ċiklossidim, id-data hija sostitwita bil-"31 ta' Awwissu 2026";

(24) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 322, Imessażol, id-data hija sostitwita bil-"31 ta' Awwissu 2026";

(25) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 326, Aċidu indolilbutriku, id-data hija sostitwita bil-"15 ta' Marzu 2026";

(26) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 329, Kletodim, id-data hija sostitwita bil-"31 ta' Awwissu 2026";

(27) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 339, Dażomet, id-data hija sostitwita bil-"31 ta' Awwissu 2026";

(28) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 340, Metaldeid, id-data hija sostitwita bil-"31 ta' Awwissu 2026";

(29) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 342, Fenażakwin, id-data hija sostitwita bil-"31 ta' Awwissu 2026";

(30) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 344, Diklofop, id-data hija sostitwita bil-"31 ta' Awwissu 2026";

(31) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 348, Paklobutrażol", id-data hija sostitwita bil-"31 ta' Awwissu 2026";

(32) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 354, Fluworokloridon, id-data hija sostitwita bil-"15 ta' Marzu 2026";

2. Il-Parti B hija emendata kif ġej:

(1) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 22, Metam, id-data hija sostitwita bit-"30 ta' Novembru 2025";

(2) fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 29, *Trichoderma asperellum* tar-razza T34, id-data hija sostitwita bid-data tal-"31 ta' Ottubru 2025";

(3) fis-sitt kolonna, l-iskadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 31, Ċiflumetofen, id-data hija sostitwita bil-"31 ta' Ottubru 2025";

(4) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 32, *Trichoderma atroviride* tar-razza I-1237, id-data hija sostitwita bid-data tal-"31 ta' Ottubru 2025";

(5) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 33, Ametoktradin, id-data hija sostitwita bil-"31 ta' Diċembru 2025";

(6) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 34, Mandipropammid, id-data hija sostitwita bil-"31 ta' Diċembru 2025";

(7) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 38, *Helicoverpa armigera nucleopolyhedrovirus*, id-data hija sostitwita bil-"31 ta' Ottubru 2025";

(8) fis-sitt kolonna, skadenza tal-approvazzjoni, tar-ringiela 42, *Spodoptera littoralis nucleopolyhedrovirus*, id-data hija sostitwita bil-"31 ta' Ottubru 2025".